MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 154/2007

Kawza fil-lista: 9

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta’ Awwissu, 2004 (Dok. A) minn liema zwieg twieled il-minuri F B fit-22 ta’ Frar, 2005.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kundizzjoni li tirreferi ghal futur.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha rrisponda li :

1. Illi l-esponent jaqbel illi hemm lok li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Awwissu 2004 jigi dikjarat null, pero' mhux ghar-ragunijiet imressqa mill-attrici.

2. Illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici u dan minhabba li l-kunsens tal-

attrici kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghall-attrici li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (Artikolu 19(1)(d) Kap 255).

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-28 ta' Awissu 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel li z-zwieg huwa null, izda ghar-raguni kontemplata fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, attribwibbli unikament lill-attrici.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu; u mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Awissu 2004, meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 31 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien <u>kwazi tmien xhur</u>, u meta l-attrici kellha tlett xhur tqala. Fit-22 ta' Frar 2005 twieldet it-tifla tal-partijiet. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta' <u>sena u xaharejn</u> il-partijiet isseparaw de facto.

Illi l-partijiet taw il-verzjoni taghhom tal-fatti li wassluhom ghaz-zwieg, u dawk li wassluhom ghas-separazzjoni ; u l-Qorti tosserva li hemm konflitt f' certu aspetti, fis-sens li l-konvenut cahad certu allegazzjonijiet maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu. Izda rrizultaw pacifici s-segwenti fatti.

Illi l-attrici bdiet ir-relazzjoni mal-konvenut, wara li kienet harget minn relazzjoni ta' ghaxar snin ma' l-gharus li kellha qabel. Hija bdiet tohrog mal-konvenut, u kien ikollhom relazzjonijiet intimi mill-istadju inizjali tar-relazzjoni, tant li wara hames xhur, l-attrici skopriet li kienet tqila. Dan il-fatt kkreaha tensjoni kbira fl-attrici minhabba li ma rieditx tghid lill-genituri taghha partikolarment lil missierha, tant li lil missierha qaltlu wara li kienet izzewwget.

In propozitu, l-konvenut jghid li l-attrici kienet qaltlu, li jew jizzewwgu, jew taghmel abort ; izda peress li hu ma riedx li l-attrici tnehhi t-tarbija, huwa accetta li jizzewwgu, kif fil-fatt ghamlu. Hekk kif izzewwgu u bdew jikkonvivu flimkien, il-partijiet bdew jirriskontraw diversi problemi, relatati mal-komportament taghhom fiz-zwieg, b' mod partikolari l-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut ma kienx jerfa' r-responsabbilita' tieghu fiz-zwieg. Dan l-inkwiet kompla jaggrava bil-fatt li, ftit wara z-zwieg, kienet tfaccat mara li kien johrog maghha l-konvenut precedentement, u li allegat li kellha tarbija mill-konvenut. Dan, minn naha tieghu ma riedx jssottoponi ghat-testijiet tad-DNA ; bir-rizultat li l-partijiet ghamlu kuntratt ta' separazzjoni tal-beni sabiex l-attrici tipproteggi l-interessi tal-wild komuni taghhom. Dan zied ma' l-inkwiet matul il-konvivenza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti l-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura, fil-konfront taz-zewg partijiet, il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Jirrizulta car u manifest li l-partijiet ma kienux ippreparati ghal dan iz-zwieg, la mill-aspett materjali u wisq anqas mill-aspett emozzjonali ; u tista' tghid li zzewwgu minghajr ma kienu jafu lil xuxlin. Dan irrizulta manifest hekk kif bdiet il-konvivenza matrimonjali, ghax il-partijiet indunaw li ma setghux jkompli jghixu flimkien, principalment minhabba n-nuqqas ta' maturita' affettiva da parti taghhom, liema nuqqas kien ta' xkiel ghall-partijiet u kien jirrendihom inkapaci li jassumu l-obbligi matrimonjali fil-konfront ta' xulxin, u jibnu bejniethom 'a community of love and life'.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Awissu 2004.

L-ispejjez jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------